**27 ta' Ottubru, 1995**

**Imhallfin:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ronald Apap

*versus*

Ruby Ritchie *pro et noe*

## Adozzjoni - Drittijiet ta' Missier Naturali - Kura u Kustodja ta' Tfal Illeġittimi - Rikonoxximent ta' Wild Illeġittimu

*It-tifel illeġittimu jista' jiġi magħruf mill-missier fl-att tat-twelid jew f'att ieħor pubbliku qabel jew wara t-twelid. Wara l-emendi ta' 1973 u 1993 il-posizzjoni tal-missier naturali li jirrikonoxxi lit-tifel illeġittimu ġiet radikalment mibdula u prattikament ekwiparata għal dik li hi* patria potesta *mal-posizzjoni tal-missier leġittimu.*

*Wara l-emendi ta' l-1993, meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għall-Qorti ta' Ġurisdizzjoni volontarja fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi. Hi fl-aħħar allura l-Qorti li tiddeċidi x'inhu l-interess tal-minuri. Ċertament li kwistjoni daqstant gravi, bħal l-affidament tal-minuri f'idejn terzi estraneji bi ħsieb ta' adozzjoni, hi ħaġa ta' importanza fil-ħajja tiegħu. Żgur allura li l-omm, anke taħt dan l-aspett, kienet obbligata, in vista tal-posizzjoni tal-missier li kien irrikonoxxa lill-minuri, li tirrikorri għad-direttivi tal-Qorti fuq x'kellha tagħmel fl-interess ta' binha qabel tafdah f'idejn terzi barranin.*

Il-Qorti:-

Rat it-talba ta' l-attur li biha talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili takkordalu l-kustodja tat-tifel Anthony u li tieħu dawk il-passi meħtieġa biex *pendente lite* jiġu sospiżi l-proċeduri mibdija minn terzi ignoti għall-adozzjoni ta' l-istess tarbija Anthony;

Din it-talba hi bbażata fuq dawn il-premessi:

L-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta għal diversi snin;

Minn din ir-relazzjoni l-partijiet kellhom tarbija fit-18 ta' Lulju, 1989 li semmew Stefan, liema tarbija hija rikonoxxuta mill-attur u dejjem ġiet ikkurata minnu stante li l-konvenuta, li ma tgħix ma' l-attur, ma riditx tieħu ħsieb lil din it-tarbija;

Sussegwentement il-partijiet kellhom tarbija oħra fit-23 ta' Mejju, 1994 li semmew Anthony;

Il-konvenuta qiegħdet lit-tarbija Anthony fl-Istitut ta' l-Ursolini tas-Sliema, iżda l-attur dejjem ħa ħsieb iżur lit-tarbija u jżommha miegħu u mat-tifel il-kbir Stefan għal ġimgħa sħiħa kull ġimgħa alternattiva;

L-attur irrikonoxxa formalment lit-tifel Anthony b'att tas-6 ta' Diċembru, 1994 quddiem in-Nutar Anthony Abela;

Reċentement missier il-konvenuta ħareġ lit-tifel Anthony mill-istitut u naqas li jirritornah lura;

Sussegwentement irriżulta illi l-konvenuta tat il-kunsens tagħha għall-adozzjoni tat-tifel Anthony;

L-attur jixtieq li t-tifel tiegħu Anthony jitrabba minnu, flimkien ma' ħuh l-ieħor Stefan;

Huwa fl-interess tal-minuri li jitrabba minn missieru flimkien ma' ħuh b'aċċess, jekk ikun il-każ ta' l-omm;

Il-konvenuta *proprio et nomine* opponiet din it-talba ta' l-attur u avvanzat dawn l-eċċezzjonijiet:

In linea preliminari, li qabel xejn l-attur irid jipprova li huwa l-missier naturali ta' l-imsemmi minuri;

It-talbiet attriċi huma insostenibbli f'dan l-istadju stante proċeduri ta' l-adozzjoni u t-talba tiegħu simili quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet miċħuda;

M'huwiex fl-interess tat-tarbija tenut kont iċ-ċirkostanza speċjali li l-kura u l-kustodja tiġi fdata għand l-attur u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tas-17 ta' Lulju, 1995, irriġettat l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta *proprio et nomine*, laqgħet l-ewwel talba attriċi, konsegwentement akkordat il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Anthony (Att tat-Twelid 2440/93) lill-attur u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attriċi;

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza appellata fil-punti saljenti tagħha:

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta hi li t-talbiet ta' l-attur huma insostenibbli f'dan l-istadju stante li hemm proċeduri ta' adozzjoni għaddejjin u li "talba tiegħu simili" (presumibbilment għall-kura u l-kustodja quddiem is-Sekond'Awla kienet ġiet miċħuda;

*Omissis*;

L-eżistenza ta' dawn il-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla,

pero`, b'ebda mod ma huma ta' ostakolu għall-proċeduri quddiem din il-Qorti. Iż-żewġ proċeduri huma separati, distinti u awtonomi minn xulxin;

Il-Qorti għandha quddiemha **kawża** fil-kontenzjuż bejn żewġ kontendenti b'talba speċifika; quddiem is-Sekond'Awla, anke jekk il-proċeduri ta' l-adozzjoni għadhom għaddejjin - għax oltre r-rikors ta' l-attur imsemmi, din il-Qorti ma għandha xejn aktar quddiemha li jirrigwarda dawk il-proċeduri - hemm **proċeduri** (mhux kawża) li ma jistgħux jitqiesu ta' natura kontenzjuża (artikolu 114, Kap. 16) u fejn *it-talba neċessarjament tkun differenti minn dik* quddiem din il-Qorti. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm xejn li legalment jista' jew għandu jżomm lil din il-Qorti milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur. Il-Qorti tosserva li kienet tkun propensa li tissopasjedi li kieku kienet konvinta li tali soprassessjoni kienet tkun verament fl-interess tal-minuri in kwistjoni. Pero` fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-mod kważi subdolu u bi prepotenza insita fil-kondotta l-attur li bih it-tifel tneħħa mill-Istitut tal-Ursolini, din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, hi tal-fehma li tali soprassessjoni ma tkunx fl-interess tal-minuri;

*Omissis*;

Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta qed tiġi respinta;

Il-konvenuta tikkontendi fil-meritu li mhux fl-interess tal-minuri li dan jiġi fdat fil-kura u l-kustodja ta' l-attur. U dan verament huwa l-qofol kollu ta' din il-kawża, ċjoe` jekk hux fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tiegħu tingħata lill-attur. Issa, biex din il-Qorti tqis verament x'inhu fl-interess tat-tifel, ma tridx tuża bħala

kejl il-familja "idejali" - koppja miżżewġa kuntenta, b'*income* tajjeb, u b'dar imdaqqsa - għax altrimenti l-Qorti tkun qed tirriskja mhux biss li tipproġetta preġudizzji klassisti fid-deċiżjoni tagħha, iżda għad tkun qed tinnega ukoll, u aprioristikament, il-possibilita` li l-interessi ta' minuri jistgħu ikunu tutelati f'familja b'ġenitur wieħed u b'mezzi u f'ambjent li ma jkunux ilaħħqu mal-medja tal-familji Maltin. Inoltre, din il-Qorti trid tagħti piż u valur lir-rabta naturali bejn il-ġenitur u l-wild li normalment għandha tipprevali fuq rabtiet oħra mhux hekk naturali jew addirittura sempliċement legali;

Mill-provi jirriżulta li l-attur dejjem ħa interess fit-tifel Anthony.

*Omissis*;

Jidher li għall-bidu l-attur u l-konvenuta kienu jmorru jaraw lil Anthony flimkien, iżda in segwitu dawn reġgħu kellhom xi jgħidu u allura bdew imorru jaraw lit-tifel għal rashom. Veru li bejn April u Settembru tas-sena l-oħra iż-żjajjar da parti ta' l-attur naqsu konsiderevolment, iżda dan jidher li jikkorrispondi proprju mal-perijodu meta reġa' kellu xi igħid mal-konvenuta u ddeċieda li ma jibqax jiffrekwentaha. Ftit wara l-konvenuta tat il-kunsens għall-adozzjoni. Jirriżulta li l-attur jgħix mal-ġenituri tiegħu Ħal Qormi, fejn tgħix ukoll oħtu xebba, għalkemm għandu appartament f'Santa Lucia li jidher li ħadu mingħand il-Gvern meta kellu l-ħsieb li jiżżewweġ lill-konvenuta u jmorru joqogħdu fih. Hu jqatta' l-ġurnata mal-ġenituri, pero` normalment jorqod f'dan l-appartament.

*Omissis*;

Minkejja l-limitazzjonijiet kemm ta' l-*income* kif ukoll ta' l-

ambjent *tad-dar tal-ġenituri tiegħu, l-attur jirriżulta li, bl-għajnuna* tal-familja tiegħu, qed jieħu ħsieb, b'mod sodisfaċenti minn kull aspett, ta' l-ewwel tifel tiegħu Stefan, u dan kif jirriżulta mid-deposizzjonijiet tax-xhieda. Din il-Qorti ma għandha ebda raġuni taħseb li l-attur mhux ser jieħu ħsieb, jew mhux ser ikun kapaċi jieħu ħsieb, dejjem bl-għajnuna tal-membri tal-familja tiegħu, l-imsemmi tifel Anthony;

*Omissis*;

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti ma tarax għala l-ewwel *talba ta' l-attur m'għandhiex tiġi akkolta*. L-attur hu, bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu, kapaċi u dispost li jieħu ħsieb il-minuri Anthony b'mod adegwat, u din il-Qorti tifhem li hu fl-interess ta' l-imsemmi minuri li jiġi mrobbi minn missieru, bl-għajnuna tal-familja ta' dan l-istess missieru, u flimkien ma' ħuh Stefan. Kwantu għat-tieni talba attriċi, din il-Qorti filwaqt li tagħmel referenza għad-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 1995 tara li l-iskop ta' din it-talba hu ormai sorpassat;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

L-azzjoni *tentata* mill-attur hija għall-kura u l-kustodja ta' ibnu minuri, azzjoni bbażata fuq ir-relazzjonijiet bejn persuni kif regolati mill-Kodiċi Ċivili;

*Omissis*;

Il-konsiderazzjoni tal-Qorti hi għalhekk neċessarjament - kif għandha tkun - arġinata bin-natura "ċivili" ta' l-azzjoni u għandha tiskarta l-aspetti kostituzzjonali li jeżorbitaw minnha;

Il-Qorti dehirlha opportun li tirriproduċi in extenso il-konsiderazzjoni **dwar il-fatti** ta' l-ewwel Qorti għax hi tal-fehma li dawn huma sostanzjalment korretti kif huma korretti wkoll id-deduzzjonijiet li dik il-Qorti għamlet mill-fatti quddiemha b'mod partikolari l-apprezzament ġust tagħha dwar x'inhu l-aħjar interess tal-minuri. Il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita` sħiħa mhux biss li tisma' x-xhieda jixhdu *viva voce* imma wkoll li tara l-bixra u l-komportament tax-xhieda, għamlet apprezzament ġust ta' l-attendibilita` u tal-kredibilita` tagħhom. Dik il-Qorti waslet għall-konvinċiment, bla ebda esitazzjoni, illi l-interess suprem tal-minuri hu li l-kura u l-kustodja tiegħu tiġi fdata f'idejn l-attur missieru;

"Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, din il-Qorti ma tarax għaliex l-ewwel talba ta' l-attur m'għandhiex tiġi akkolta. L-attur hu, bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu, **kapaċi** u **dispost** li jieħu ħsieb il-minuri Anthony b'mod adegwat u din il-Qorti tifhem li hu fl-interess ta' l-imsemmi minuri li jiġi mrobbi minn missieru bl-għajnuna tal-familja ta' l-istess minuri u flimkien ma' ħuh Stefan"

Din il-Qorti tagħti importanza lid-deposizzjonijiet tad-Dottoressa Tanti Burlo`, esperta in materja, innominata mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti biex tirrelata dwar x'kien l-interess tal-minuri. Dana fiż-żmien meta t-tarbija kien għad għandha xi sena u nofs u kienet għadha fl-Istitut ta' l-Ursolini, Il-Creche ta' Tas-Sliema. Din hekk irrelatat fit-8 ta' Marzu, 1995:

"*Ronald Apap should be given full custody of the child and that the child be given immediately to him in order to prevent further psychological damage to the child and to the Apaps*";

Kif taghti wkoll, il-Qorti, importanza lix-xhieda ta' Suor Stephanie Caruana, inkarigata mill-istess Istitut tal-Creche li xehdet - u dan hu rilevanti anke għall-aspett legali:

"Li nista' ngħid hu, li t-tarbija Anthony, sa fejn naf jien, **kienet bdiet tagħraf lill-ġenituri tagħha, tirrikonoxxihom**. Naturalment, ma nistax ingħid kinitx tkun kuntenta li sejra lura magħhom .... Dan minħabba l-eta'";

Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni l-provi prodotti u l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwarhom u tikkondividi l-konklużjoni tagħha illi hu fl-interess tal-minuri fiċ-ċirkostanzi tal-każ, li jiġi mrobbi minn missieru naturali flimkien ma' ħuh. Fit-trattazzjoni ta' dan l-appell ma ġew avvanzati l-ebda elementi ta' fatti ġodda jew argumentazzjoni legali konvinċenti li jiġġustifikaw li din il-Qorti ta' reviżjoni tiddisturna l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet li wasslet għalihom;

Hemm pero' aspetti ta' liġi li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ġewx adegwatament elaborati quddiem l-ewwel Qorti. Dawn jirrigwardaw il-posizzjoni tal-missier naturali li jkun, bħal f'dan il-każ, formalment irrikonoxxa l-wild tiegħu. Il-Qorti tagħmel is-segwenti riflessjonijiet;

*Omissis*;

It-tifel illeġittimu jista' jiġi magħruf mill-missier (artikolu 86 tal-Kap. 16) u dan jista' jagħrfu "fl-att tat-Twelid **jew f'att ieħor pubbliku** qabel jew **wara** it-Twelid" (artikolu 87(1)). Wara l-emendi li saru bl-Att Nru. XLVI ta' l-1973, u l-Att Nru. XXI ta' l-1993, il-posizzjoni tal-missier naturali li jirrikonoxxi lit-tifel illeġittimu ġiet

radikalment mibdula u prattikament ekwiparata għal dik li hi *patria potesta* mal-posizzjoni tal-missier leġittimu;

L-emendi li saru fil-1973, kellhom l-għan ewlieni li jinnewtralizzaw kemm jista' jkun id-distinzjoni u d-differenzi bejn il-wild illeġittimu u dak leġittimu. Dan b'mod partikolari f'dawk li huma relazzjonijiet personali bejn it-tfal u l-ġenituri li jirrikonoxxuhom bħala uliedhom. L-artikolu 90(a) hekk ġie radikalment mibdul:

"Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel illeġittimu għandu dwaru **d-drittijiet** kollha tas-setgħa tal-missier, minbarra l-użufrutt legali";

Mhux biss. Din is-setgħa tal-missier tiġi eżerċitata, fejn l-iben ikun ġie rikonoxxut miż-żewġ ġenituri bħala regola mill-**missier**. Dan għaliex il-liġi riedet tekwipara kemm jista' jkun lejn in-normalita' l-ħajja tat-tifel illeġittimu u tagħtih il-vantaġġ li jkun anke hu sottomess għas-setgħa u direzzjoni ta' missieru. Sa mill-emendi ta' l-1973 wieħed allura jista' jgħid li l-liġi bdiet tirrikonoxxi in-nukleju familjari illeġittimu li fih ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied, avolja barra l-vinkolu taż-żwieġ beda, fl-interess tal-minuri, jiġu regolati kważi bl-istess mod bħal dawk ġa' familja fiż-żwieġ. Infatti l-artikolu 90(2) kien jipprovdi:

"Meta l-iben jiġi magħruf sew mill-missier kemm mill-omm, sew flimkien jew (kif f'dan il-każ) separatament **is-setgħa tal-missier tiġi eżerċitata' mill-missier**";

Dan id-dritt tas-setgħa tal-missier jiġi eżerċitat mill-omm jekk il-missier ikun mejjet, jew jekk ma jkunx jista' għax il-missier ikun nieqes minn Malta, jew minħabba impediment ieħor jew jekk ikun

tilef jew tkun tneħħietlu din is-setgħa tal-missier;

Is-subinċiż 3 ta' l-artikolu 90 imbagħad kien jipprovdi illi jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, "il-qorti tista' tordna li l-omm mhux il-missier għandha teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-missier". Il-qorti setgħet wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u f'każijiet serji teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat;

Il-liġi allura kienet tafferma bħala prinċipju d-dritt tal-*patria potestas* li jinkludi wkoll il-kura u l-kustodja f'idejn il-missier naturali li jkun irrikonoxxa lil ibnu illeġittimu u dana bi preferenza għall-omm u ad esklużjoni tagħha. L-omm naturali kienet tissubentra għall-missier fid-drittijiet tal-*patria potesta* biss fil-każijiet espressi fil-liġi jew fuq ordni tal-Qorti. Ordni li setgħet ukoll tillimita l-eżerċizzju ta' dan id-dritt tas-setgħa tal-missier u allura setgħet wkoll tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-omm jew addirittura f'idejn terzi jekk dan ikun fl-interess ta' l-istess minuri;

Bl-emendi ta' l-1993 reġgħet saret tibdila radikali fil-Kodiċi Ċivili taħt l-impatt tal-Moviment għat-Tneħħija għad-Diskriminazzjoni minħabba s-sess ta' dak li jkun. Ġie affermat il-prinċipju li n-nisa u l-irġiel għandhom kollha jeddijiet indaqs. Il-Kodiċi Ċivili li sa dak iż-żmien kien patriarkali fil-qasam tad-drittijiet u l-obbligi fi ħdan il-familja, inbidel billi twarrab il-kunċett li r-raġel biss għandu jkun il-kap tal-familja u minflok daħħal il-kunċett tas-solidarjeta` fir-relazzjonijiet ta' bejn il-miżżewġin mibnija fuq l-ugwaljanza bejn il-mara u r-raġel. L-emendi huma ispirati bil-prinċipju illi l-miżżewġin għandhom jeddijiet u obbligi indaqs fiż-żwieġ u li huma jridu jikkoperaw flimkien fl-interess

tal-familja. Il-miżżewġin għandhom jerfgħu flimkien ir-responsabilita` tat-trobbija ta' l-ulied. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, kull wieħed mill-miżżewġin għandu l-jedd li jmur il-Qorti. Dana fuq kull ħaġa marbuta mal-jeddijiet u l-obbligi personali tal-miżżewġin, u anke - u aktar - f'dawk li jirrigwardaw lill-uliedhom minuri. Għall-ewwel il-Qorti għandha tipprova twassal lill-miżżewġin għall-ftehim. Jekk dan ma jirnexxix, allura l-Qorti tiddeċidi billi tqis "l-interessi tal-familja". Issa, una volta kien stabbilit il-prinċipju sa mill-1973 illi l-liġi tirrikonoxxi n-nukleju familjari ta' l-illeġittimu biex tagħtih l-opportunita` ta' ħajja u trobbija fil-limiti tan-normalita` aċċettata, kien naturali li r-*raison d'etre* li mmotiva l-emendi ta' l-1993 kif fuq traċċjati jiġu estiżi wkoll għal relazzjonijiet bejn il-ġenituri li rrikonoxxew lil uliedhom illeġittimi u l-istess ulied;

Kien għalhekk li l-artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili reġa' ġie emendat radikalment biex jirrifletti l-ugwaljanza bejn il-ġenituri u l-ko-responsabilita` tagħhom fit-trobbija ta' l-ulied illeġittimi rikonoxxuti. L-ewwel subinċiż ta' l-artikolu baqa' l-istess. Jiġi nnotat pero` li l-liġi titkellem dwar il-"ġenitur" li jkun għaraf b'ibnu tifel illeġittimu. Ma titkellimx dwar il-"missier". Terminu li allura jinkludi wkoll lill-omm. Dan ifisser li meta s-subinċiż jipprovdi li l-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel illeġittimu - naturalment ifisser ukoll tifla - hu jakkwista "dwaru id-drittijiet kollha tas-setgħa tal-missier", il-liġi qed tifhem li l-omm ukoll għandha daqs il-missier l-istess drittijiet fuq il-minuri;

Bħala konsegwenza diretta u inevitabbli tar-rikonoxximent tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza tal-ġenituri fl-eżerċizzju tas-setgħa tal-*patria potestas*, kien naturali li s-subinċiż 2 ta' l-artikolu 9 fuq riportat, li kien jafferma s-supremazija relattiva tal-missier bħala l-kap tan-nukleju famlijari - anke jekk irregolari - jiġi, kif fil-fatt ġie,

sorpassat u allura mneħħi;

Is-subinċiż (3) ġie mbagħad emendat biex proprju jipprovdi x'kellu jsir f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri li jkunu rrikonoxxew lil *binhom illeġittimu. Dan dejjem fl-ispirtu li l-liġi* kienet diġa` qed tittratta r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tifel illeġittimu kemm jista' jkun l-istess bħal dawk mat-tifel leġittimu. Jipprovdi allura dan is-subinċiż għall-intervent tal-Qorti fl-interess tal-minuri li tipprovdi f'każ **ta' nuqqas ta' qbil** bejn il-ġenituri dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-missier;

Is-subinċiż 3 **issa** jipprovdi illi **jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu** "il-Qorti **tista' tordna** li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri (ċjoe` l-omm jew il-missier li jkun irrikonoxxa lil minuri) jeżerċita` jew teżerċita` d-drittijiet tas-setgħa tal-missier". Il-Qorti tista' wkoll **tillimita** l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u f'każijiet serji **teskludi** liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat;

Pero`, sakemm ma jkunx hemm tali digriet tal-Qorti kompetenti, id-dritt tal-*patria potestas* jibqa' jiġi eżerċitat **mill-missier naturali flimkien ma' l-omm** u ħadd ma jista' jinjora dan id-dritt jew jaġixxi bħallikieku ma jeżistix. Dan għaliex il-liġi tagħti lill-missier naturali u lill-omm il-*patria potestas* mhux bħala xi jedd li jivvantaġġja lill-istess ġenituri, imma għax hekk tqis li hu fl-aħjar interess ta' l-istess minuri. Il-liġi ttendi allura għat-tisħieħ tal-legami naturali - anke jekk illeġittimi - bi preferenza għal dak legali u artifiċjali sakemm tkun assigurata illi jkun hemm dak il-minimu ta' interess u responsabilita` favur il-benessere tal-minuri. Assigurazzjoni li toħroġ, anke jekk biss *prima facie*, da parti tal-missier naturali mill-att stess tar-rikonoxximent formali li naturalment jimporta l-istess doveri fuq il-missier naturali li l-liġi

*timponi fuq il-missier leġittimu, fosthom l-obbligu li jmantni u* jeduka skond il-mezzi tiegħu t-tifel illeġittimu "magħruf minnu bħala ibnu";

F'dan il-kuntest hu rilevanti wkoll l-artikolu 131 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat fl-1993. Dan jipprovdi li "l-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbilit bil-liġi" (subinċiż (1)). Il-liġi, f'dan l-artikolu, ma tiddistingwix bejn tfal leġittimi u illeġittimi, u l-artikolu sħiħ allura japplika wkoll għal dawn ta' l-aħħar. Anke t-tfal illeġittimi huma għalhekk soġġetti għas-setgħa taż-żewġ ġenituri li rrikonoxxewhom. Setgħa li normalment "ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi", "tkun eżerċitata <u>bi ftehim</u> bejn iż-żewġ ġenituri" (subinċiż (2)). **<u>F'każ ta' nuqqas ta' qbil</u>** bejn il-ġenituri **<u>dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari</u>** kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għall-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi". Hi fl-aħħar allura l-Qorti li tiddeċidi x'inhu l-interess tal-minuri. Ċertament li kwistjoni daqstant gravi, bħall-affidament tal-minuri f'idejn terzi estraneji bi ħsieb ta' adozzjoni, hi "ħaġa ta' importanza" vitali fil-ħajja tiegħu. Żgur allura li l-omm, anke taħt dan l-aspett, kienet obbligata, in vista ta' l-oppożizzjoni tal-missier li kien irrikonoxxa lill-minuri, li tirrikorri għad-direttivi tal-Qorti fuq x'kellha tagħmel fl-interess ta' binha, qabel tafdah f'idejn terzi barranin;

L-emendi li saru lill-Kodiċi Ċivili fuq rintraċċjati, ma jistgħux jitqiesu bħala xi ritokk kosmetiku li jista' jiġi njorat jew skartat. Huma emendi radikali li jeħtieġ li kulħadd ikun verament konxju tagħhom u tal-portata tagħhom, u *li* għandhom jiġu *f'kull każ* applikati;

Issa jista' jiġi argumentat li f'każ bħall-preżenti fejn iż-żewġ ġenituri rrikonoxxew lit-tifel, għalkemm bil-liġi d-drittijiet tal-*patria potestas* huma mogħtija liż-żewġ ġenituri **flimkien**, il-Qorti, stante l-eta` tenera tat-tarbija, kienet f'kull każ tafda l-kura u l-kustodja tagħha lill-omm. Dana fl-aħjar interess tal-minuri u kif indubbjament hi l-ġurisprudenza kostanti fir-rigward tal-kura u l-kustodja ta' minuri meta din tkun ikkontestata bejn ġenituri fi stat ta' firda;

Pero` apparti l-konsiderazzjoni li anke f'dawn il-każijiet mhux biss il-missier naturali ikun intitolat, bħall-missier leġittimu għad-drittijiet ta' aċċess għal ibnu u apparti l-konsiderazzjoni li l-fatt li l-kura u l-kustodja tkun fdata lill-omm ma jfissirx it-telf tal-*patria potestas*, fil-każ in eżami hemm l-element determinanti tad-deċiżjoni ta' l-omm li tagħti lill-binha għall-adozzjoni. Dikjarazzjoni din li timplika r-rinunzja - anke bħala stat ta' fatt - għall-kura u l-kustodja tal-minuri. F'każijiet simili hu ovvju illi r-rinunzja ta' l-omm tagħti saħħa lit-talba tal-missier naturali li l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejh. U hekk għandu jkun jekk ma jkunx hemm raġunijiet impellenti li jikkonvinċu lill-Qorti li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minrui;

Il-Qorti tasal infatti għall-konklużjoni illi l-mod kif it-tarbija ngħatat fil-kura ta' persuni li kienu intenzjonati jaddottawha hu in effetti abbużiv u leżiv tad-drittijiet tal-minuri u ta' l-attur. L-omm ċertament ma setgħetx tiddisponi mit-tarbija mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' missierha, li f'dak il-mument kellu flimkien magħha, il-*patria potestas* fuqha. Dana fin-nuqqas ta' ordni tal-Qorti li tneħħilu jew tillimitalu tali drittijiet. Żgur ukoll li appena ffirmat li kienet ippreparata li tagħti lit-tifel b'addozzjoni, hi kienet qed testerna l-intenzjoni tagħha li tirrinunzja għall-kura u l-kustodja tal-minuri. La hi u lanqas ħaddieħor ma kellu d-dritt, jekk mhux

bl-approvazzjoni *tal-Qorti, li jikkonsenja lill-minuri lil terzi u mhux* lill-missier;

Aktar u aktar meta l-omm kienet a konoxxenza tal-fatt illi dan kien irrikonoxxih formalment u b'hekk akkwista magħha d-drittijiet tas-setgħa tal-missier fuqu. Dan naturalment, bl-ebda mod ma jirrifletti negattivament fuq id-deċiżjoni temporanja li eventwalment ħadet is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, li għall-mument iżżomm *l-istatus quo* sakemm jiġi ddeterminat x'kien l-aħjar interess tal-minuri;

*Finalment, f'ċirkostanzi simili hi dejjem il-Qorti li trid tarbitra* fuq il-kura u l-kustodja tal-minuri. Deċiżjoni li trid pero' tittieħed fid-dawl tal-provvedimenti tal-liġi in materja. Jiġi ribadit pero' illi <u>sakemm hekk tiddeċidi l-Qorti</u> l-provvedimenti tal-liġi japplikaw *ad unguem* u ħadd m'għandu dritt jieħu l-liġi b'idejh jew li, bil-forza, jipprova jikkreja sitwazzjoni li tippreġudika dak li l-liġi trid, u ċjoe', li tafferma r-rabta ġuridika soċjali bejn il-minuri il-missier naturali, u ommu;

F'dan ir-rigward għalhekk m'humiex aċċettabbli s-sottomissjonijiet tal-konvenuta li *una volta* l-minuri llum kien ilu xi xhur f'idejn il-persuni li għandhom intenzjoni jaddotawh, issa jkun trawmatiku **<u>għall-minuri</u>** li l-proċess jiġi mwaqqaf jew imreġġa' lura. Il-Qorti mhux konvinta li hemm il-possibilita' ta' din it-trawma. Apparti l-fatt illi l-minuri ilu biss ftit xhur f'idejn il-koppja li tixtieq tadottah, hu fatt li meta ħaduha, it-tarbija kienet diġa' tagħraf lill-ġenituri tagħha, anke lill-attur. Allura m'għandux ikun ferm diffiċli għall-istess tarbija li terġa' tirripristina l-legam naturali li diġa' kienet stabbiliet. Fl-aħħar mill-aħħar id-demm jiġbed. Il-Qorti tissimpatizza mal-persuni li riedu jaddottaw lill-

minuri. Jekk huma ma kinux ġew mgħarrfa bl-interess tal-missier naturali f'ibnu, allura huma ġew indubbjament ingannati. Jekk huma kienu jafu - u jidher li fi żmien viċin ħafna għal meta ħadu t-tarbija huma ma setgħux ma kinux jafu bl-oppożizzjoni ta' l-attur għall-adozzjoni - allura huma ħadu riskju kalkolat li l-Qorti jidhrilha li ma messhomx ħadu;

Il-Qorti tagħmel ukoll riflessjoni oħra. Il-liġi, bl-emendi ta' l-1973 u ta' l-1993, riedet tqarreb kemm jista' jkun ir-regolament tal-ħajja familjari ta' l-illeġittimu għal dak tal-wild leġittimu. Tifhem li meta kienet qed tagħti l-*patria potestas* lill-missier li jirrikonoxxi lill-iben illeġittimu u lill-ommu flimkien, kienet qed tagħmel dan ukoll fil-perspettiva li l-missier naturali jkun - kif spiss ikun - jikkoabita ma' l-omm bħala nukleju familjari uniku anke jekk irregolari skond in-normi ta' normalita` soċjalment sal-lum ġeneralment aċċettati. Il-liġi riedet illi dak in-nukleju jkollu wkoll - bħal f'kull familja oħra - treġija bi sħab bejn il-ġenituri. Ġenituri li jistgħu jitilfu jew jiġu żvestiti minn tali awtorita` prattikament għall-istess raġunijiet li jistgħu jitilfuha ġenituri leġittimi. Pero` dejjem - ħlief fil-każ ta' mewt jew impossibilita` - tali dekadenza trid tkun iddikjarata mill-Qorti li allura tinvestiha jew f'wieħed milll-ġenituri jew f'terza persuna. U kif f'każ ta' firda bejn il-konjugi, il-Qorti tiddetermina f'idejn min għandha tkun fdata l-kura u l-kustodja tal-minuri, u dana biss fl-interess suprem ta' l-istess minuri, hekk ukoll tagħmel fil-każ fejn l-omm naturali u l-missier li jkun irrikonoxxa lill-minuri ma jkunux - bħal f'dan il-każ - qed jikkoabitaw. Pero` f'kull każ sakemm il-Qorti ma tkunx iddeliberat f'dan ir-rigward, il-liġi tibqa' torbot. Hu għalhekk li fil-każ in eżami qed jiġi ritenut illi fil-mument meta t-tarbija ġiet fdata f'idejn terzi persuni u ċertament sal-mument meta s-Sekond'Awla ddeliberat li temporanjament jibqa' jreġi l-*istatus quo*, żgur li l-affidament tat-

tarbija kien wieħed għal kollox irregolari u leżiv tad-drittijiet ta' l-attur. Kif ukoll hu leżiv tad-drittijiet ta' l-istess minuri li għandu bil-liġi l-jedd li, jekk ommu naturali ma riditux u ċaħditu, il-kura u l-kustodja tiegħu kellhom fl-ewwel lok jiġu fdati f'idejn il-missier naturali li rrikonoxxih;

Ġie ritenut fil-ġurisprudenża illi "Fl-ordni legali jingħad li t-twelid tat-tfal jistabbilixxi doveri bejn il-ġenituri u l-ulied" (**Mary Bonnici *vs* Onor. J. Reynaud *noe*** - deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fis-6 ta'Settembru, 1947). Dak li l-Qorti ddeliberat fir-rigward tat-tfal leġittimi jista' wkoll jiġi estiż illum fir-rigward tat-tfal illeġittimi rikonoxxuti minn ġenitur. Il-liġi llum tqarreb ħafna għall-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili Franċiż li ma jiddistingwix bejn tfal leġittimi u illeġittimi fir-rigward tad-drittijiet u doveri tagħhom versu l-ġenituri. "*L'enfant natural a en genéral les même droits et les mêmes devoirs que l'enfant legitime dans ses rapport aves ces pére et mére*". Japplika allura anke għall-ulied illeġittimi rikonoxxuti dak li l-Qrati tagħna rritenew fir-rigward tat-tfal leġittimi u ċjoe` illi l-Istat jiddepriva lill-ġenituri mid-dritt tagħhom għall-kustodja u mid-dritt għall-*patria potestas* biss f'dawk il-każijiet fejn "jeżistu raġunijiet wisq inġurjużi u ċirkostanzi għal kollox eċċezzjonali biex jitneħħa dan id-dritt" (**Beatrice Cachia *vs* Anthony Cachia** - deċiża mill-Onor. Qorti Prim'Awla fil-31 ta' Lulju, 1946);

Dan għaliex id-dritt tal-*patria potestas* kif ukoll dak li l-ġenitur ikollu l-kura u l-kustodja ta' wliedu huma jeddijiet ikkwalifikati in kwantu fil-verita` jimportaw doveri fir-rigward tal-minuri. Doveri li jipprovdu manteniment, protezzjoni, kontroll u edukazzjoni. Doveri tal-ġenituri li huma naturalment u ovvjament tradotti fid-drittijiet ta' l-ulied fil-konfront ta' l-istess ġenituri. Hu allura

impensabbli illi dawn id-drittijiet mhux biss naturali imma wkoll legali jistgħu jitħallew jiġu ppreġudikati bl-aġir unilaterali u abbużiv ta' l-omm li tkun hi stess irrinunzjat għall-kura u l-kustodja ta' binha. Affidament lil terzi li seta' biss fiċ-ċirkostanzi jsir jew bil-kunsens tal-missier naturali jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti wara li tisma' lill-missier naturali. Żgur mhux ad insaputa u anke kontra l-volonta' tal-missier naturali;

Hu veru illi l-liġi tipprovdi li qabel ma tagħti digriet ta' adozzjoni, f'ċirkostanzi simili l-Qorti għandha fil-każ ta' persuna adottanda li tkun illeġittima tisma' lill-missier naturali. "(1) Jekk dan ikun għaraf b'ibnu lill-persuna li tkun ser tiġi addottata, jew (2) Jekk il-Qorti tkun sodisfattta li jkun ikkontribwixxa għall-manteniment tagħha, jew (3) ikun wera interess ġenwin u kontinwu fiha" (artikolu (115(4)(a) tal-Kap. 16). Issa hu nnotat illi waqt li fl-ewwel alternattiva, dik ċjoe' tar-rikonoxximent, il-missier naturali bl-emendi ta' l-1973 u ta' l-1993, jakkwista awtomatikament il-*patria potestas* fuq il-minuri flimkien ma' l-omm, mhux l-istess jiġri fit-tieni u fit-tielet alternattiva. B'danakollu xorta waħda, anke fil-każ ta' l-ewwel alternattiva, l-liġi ma tesiġix li jkun hemm il-kunsens tal-missier naturali għall-adozzjoni imma biss li jinstema' qabel ma jingħata d-digriet ta' adozzjoni. Dana hu provvediment li mad-daqqa t'għajn ma tantx jidher konċiljabbli ma' l-emendi li saru fl-1973 u fl-1993, li bihom il-missier ingħata ukoll id-dritt tal-*patria potestas* li jista' wkoll bħala fatt ikun jinkludi l-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Dan pero' bi svista tal-leġislatur;

Infatti fl-abbozz ta' liġi biex jemenda l-Kodiċi Ċivili ppubblikat fil-White Paper "Fi sħab indaqs fiż-żwieġ" f'Ottubru, 1991 u li serva bħala bażi għall-emendi ta' l-1993, kienet ġiet proposta emenda għall-artikolu 115 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li ma

jingħatax digriet ta' adozzjoni (b) fil-każ ta' persuna illeġittima, **ħlief bil-kunsens ta' l-omm** jekk din tkun ħajja, **u tal-missier naturali jekk dan ikun għaraf b'ibnu** lil persuna li tkun ġiet adottata jew jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun ikkontribwixxa għall-manteniment tagħha jew ikun wera interess ġenwin u kontinwu fiha. Kien allura propost li għandu jkun rikjest il-kunsens tal-missier illeġittimu għall-adozzjoni fejn dan ikun assuma ċertu responsabilita' fir-rigward tagħha. Proposta li pero' ma ġietx aċċettata mil-Leġislatur;

Dan ifissser li intenzjonalment il-liġi riedet li tħalli lill-Qorti *fil-liberta' assoluta li tiddisponi mid-destini tat-tfal illeġittimi*, *anke* jekk rikonoxxuti fil-prospettiva ta' adozzjoni li tista' tagħti ħajja aħjar u status leġittimu. F'dan il-kuntest jiġi rrilevat illi l-liġi tippermetti wkoll il-possibilita' ta' adozzjoni minn ġenitur wieħed li jkun irrikonoxxa lil ibnu minuri. Anke f'dan il-każ il-minuri jkun qiegħed jakkwista status leġittimu. Is-subinċiż 3 ta' l-Artikolu 12 ta' l-European Convention on the Adoption of Children 1967, li tagħha Malta kienet waħda mill-firmatarji oriġinali tipprovdi illi "*If adoption improves the legal position of a child, a person shall not be prohibited by law from adopting his own child not born in lawful wedlock*". Is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fil-konsiderazzjoni ta' *eventwali applikazzjoni għall-adozzjoni tal-*minuri minn terzi estraneji trid ukoll teżamina x'inhu l-veru interess tal-minuri anke minn din il-perspettiva. Fl-aħħar mill-aħħar hi biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-veru interess tal-minuri u kull direzzjoni tagħha trid tkun eżaminata minn din l-ottika u hekk motivata;

Dawn il-konsiderazzjonijiet huma kollha rilevanti għas-sottomissjoni ta' l-appellanti illi "t-talbiet ta' l-attur kienu

insostenibbli f'dan l-istadju stante proċedura ta' l-adozzjoni tat-tarbija". L-adozzjoni minn terzi estraneji hija biss waħda mid-diversi optzjonijiet miftuħa għall-Qorti biex tittutela l-interess futur tal-minuri. Rikors ta' adozzjoni li għadu pendenti u li ġie promoss fiċ-ċirkostanzi kkontestati, kif fuq evalwat, ċertament ma jostakolax lill-Qorti milli tesplora alternattivi oħra fl-interess tal-minuri. Jekk bil-liġi l-missier naturali għandu biss dritt ta' smigħ fil-kors għall-adozzjoni ta' ibnu illeġittimu minnu rrikonoxxut, dan bl-ebda mod ma jimpedih li jitlob, fis-Sede kompetenti, li tiġi lilu akkordata l-kura u l-kustodja tiegħu una volta l-adozzjoni ma tkunx għadha ġiet finalizzata. Infatti proċedura ma teskludix lill-oħra. Kif lanqas hi eskluża teoretikament il-possibilita` ta' eventwali adozzjoni ta' l-istess minuri, anke minn terzi estraneji, f'każ illi jkun jirriżulta lill-Qorti illi t-tqegħid tal-minuri fil-kura u l-kustodja ta' l-attur missieru kien ta' preġudizzju għalih. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, motivati biss mill-interess tal-minuri, huma validi;

Il-Qorti ma fehmitx is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-kawża "kien messha ġiet versata (sic) kontra l-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri kif ukoll lil dawk il-persuni injoti li għandhom il-kura tat-tarbija f'idejhom". Kif lanqas fehmet is-sottomissjoni li l-kawża ma setgħetx treġi għax "kif dedotta mhix proponibbli u l-eżitu huwa inesegwibbli". Jidher li l-appellanti sfuġġitilha ċ-ċirkostanza li hi stess qed tħarrek personalment u "bħala kuratriċi tat-tifel minuri Anthony". Hi stess allura qed tirrappreżenta għal kull buon fini l-interess tal-minuri li hu parti fil-kawża. Anke jekk finalment hi l-Qorti li trid rejalment tittutela l-interessi tiegħu. It-talba prinċipali mhix għal kundanna tal-konsenja fiżika tal-minuri minn xi ħadd lill-attur. Hi kawża dikjaratorja li l-kura u l-kustodja tiegħu tiġi akkordata kif qed tiġi lill-attur. Fir-

rigward ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, din il-Qorti u kull Qorti oħra tista' tagħti kull provvediment opportun kontra kull persuna fl-interess tal-minuri bil-mezzi ampji li tagħtiha l-liġi;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellanti.